**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 630/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mahmoud Aldaher**

Illum, 25 ta' Lulju 2025.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Mahmoud Aldaher, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0129640(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 t'April 2023 bejn 23:00hrs u 01:00hrs ġewwa Mdina Road, Qormi:

1. Saq vettura nru BCH982 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);
2. Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u naqas li jġeddidha kull sena;
3. Saq vettura nru BCH982 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja), il-Leġislazzjoni

Sussidjarja 368.02 Reg. 13(2) u Reg. 44(7)(a) u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonjiet miġjuba kontrih. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet wieħed u tlieta, kkundannatu jħallas multa fl-ammont ta' €2,400 filwaqt li fir-rigward tat-tieni mputazzjoni illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi zmien sena mid-data tas-sentenza. B'zieda mal-piena l-Qorti applikat d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien tnax -il xahar u tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant Mohamed Aldaher, detentur tal-karta tal-identità numru 012960A, ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara s-sentenza appellata bħala waħda mhux ezegwibbli fil-konfront tiegħu minħabba l-kwistjoni tal-identita';
2. Fin-nuqqas u f'każ li t-talba suesposta tiġi miċħuda, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkuzi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fejn ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi zmien sena fir-rigward tat-tieni akkuża u ukoll ikkundannatu jħallas multa ta' €2,400 u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' tnax-il xahar u tmint ijiem fir-rigward tal-bqija tal-akkużi, u b'hekk tgħaddi biex tiddikjarah mhux ħati tagħhom u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;
3. F'każ li din il-Qorti ma tilqax it-talbiet preċedenti, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Frar 2025.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jibda billi jilmenta dwar inċertezza fir-rigward ta'l-identità tiegħu kif rifless fid-dokumentazzjoni eżebita in atti. Jisħaq li din hija kwistjoni ta' ordni pubblika u li għalhekk is-sentenza appellata għandha tiġi dikjarata li ma tolqotx lilu u li allura mhijiex eżegwibbli fil-konfront tiegħu.

Illi, mill-*iter* tal-atti proċesswali jemerġu s-segwenti fatti:–

i) Fiċ-ċitazzjoni *de quo*, l-persuna imputata hija indikata bħala "Mahmoud Aldaher", detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0129640A;
ii) Fil-verbal datat l-20 ta' Frar 2024, fejn l-appellant ma deherx, hemm imnizzel l-okkju tal-kawza bħala "Il-Pulizija vs Aldaher Mohamed nee' Aldaher;
iii) Fir-riferta tan-notifika datata is-17 ta' Lulju 2023, hemm indikat l-isem tal-appellant bħala "Mahmoud Aldaher" detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0129640A;
iv) Fil-verbal datat it-12 ta' Novembru 2024, fejn l-appellant ma deherx, hemm imnizzel l-okkju tal-kawża bħala "Il-Pulizija vs Aldaher Mohamed nee' Aldaher;
v) Fis-sentenza appellata, l-appellant huwa ndikat bħala "Mahmoud Aldaher ID: 0129640A".

Illi, huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi żball fl-isem tal-imputat/akkużat fis-sentenzi hija kwistjoni li tolqot l-ordni pubblika, u dan għaliex kif indikat fis-sentenzi bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Saviour Borg D'Anastasi***[1] u ***Il-Pulizija vs Loraine Costa nee Fino***[2], żball fl-isem tal-imputat kif imniżżel fis-sentenza ma jġibx miegħu n-nullita' ta' dik is-sentenza, iżda sempliċiment l-ineżegwibbilita' tagħha fil-konfront tal-ġudikabbli.

Illi, huwa palezi li hemm ineżattezza fl-isem tal-appellant odjern tul l-atti proċesswali odjerni, u dana f'diversi istanzi. Huwa minnu ukoll li ma ntalbet ebda korrezzjoni fil-mori tal-proċeduri, madanakollu huwa fatt ukoll li isem l-appellant fis-sentenza

[1] Deċiża minn din il-Qorti, diversament preseduta, nhar it-18 t'April 2002.
[2] Deċiża minn din il-Qorti, diversament preseduta, nhar l-20 ta' Mejju 2013.

appellata jirrispekja dak imnizzel fiċ-ċitazzjoni, fejn fiż-żewġ istanzi l-isem huwa segwit bin-numru tal-karta tal-identita' tal-istess appellant. Tajjeb jingħad ukoll li kull fejn hemm aċċenn għall-isem tal-appellant, erronju *o meno*, dejjem huwa segwit bin-numru tal-karta tal-identita' tiegħu. Għaldaqstant, l-Qorti tikkontendi li filwaqt li kien ikun ferm aktar prudenti li kieku l-isem tal-appellant kien uniformi tul l-atti proċesswali kollha, il-fatt li l-istess huwa dejjem abbinat ma' l-istess numru tad-dokument t'identifikazzjoni tal-appellant, iwassal sabiex ma jeżisti l-ebda dubbju rigward l-identita' tiegħu. Fuq kollox, huwa l-appellant innifsu li fir-rikors ta'l-appell jindika l-isem tiegħu b'mod erronju, u mhux kif indikat fis-sentenza appellata u kwindi ma jistax issa, wara li kien komparteċipi f'dan l-iżball, u mingħajr ma qanqal ebda eċċezzjoni fir-rigward quddiem l-Ewwel Qorti, jinqeda bl-istess sabiex b'xi mod jipprova jostakola il-kors tal-ġustizzja. Għal dawn il-motiv, l-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza appellata hija eżegwibbli fil-konfront tal-appellant bl-isem kif jidher fiċ-ċitazzjoni u dak li jidher fis-sentenza appellata, inkluż numru tal-karta ta'l-identita' tiegħu, huma identiċi, u għalhekk l-ewwel aggravju tiegħu qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju ventilat minnu, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-liġi.

Illi, għalkemm kif diversi drabi ribadit din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha[3], madanakollu eżaminati l-atti proċesswali mill-ġdid bil-għan li jsir dan l-eżerċizzju ta' reviżjoni, jirriżulta illi bejn l-1 t'April 2023 fil-22:45hr u t-2 t'April 2023 fis-01:05hrs,

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

waqt *road checks* li l-Pulizija kienu qed jagħmlu ġewwa Triq l-Imdina, Ħal Qormi fost vetturi diversi, ġiet imwaqqfa ukoll vettura tal-għamla Ford bin-numru ta' reġistrazzjoni BCH-982 li kienet misjuqa mill-appellant. Minn investigazzjonijiet preliminari magħmula mill-pulizija irriżulta illi l-appellant kien qed isuq din il-vettura b'liċenzja tat-triq skaduta kif ukoll mingħajr polza ta' assigurazzjoni. Dan kollu ġie kkonfermat fl-*affidavit* redatt minn PS 610 Mark Anthony Spiteri. Huwa minnu li fl-*istess affidavit*, l-appellant ġie identifikat bħala "Mohammed" u mhux "Mahmoud" pero' l-Qorti tqis illi ma kien hemm ebda żball fl-identifikazzjoni tiegħu u dan in-numru tal-karta tal-identita' jistabbilixxi li l-individwu mwaqqaf mill-Pulizija kien filfatt l-appellant u ħadd aktar.

Illi, *in oltre*, mill-*affidavit* redatt minn Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta, jirrizulta li "**l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCH 982, tal-marka Ford Transit, fit-2 t'April 2023 kienet irreġistrata fuq Ahmed Aldaher detentur tal-karta tal-identita' 83641(A). Din il-vettura ilha hekk irreġistrata mid-9 ta' Marzu 2020 filwaqt illi l-liċenzja tal-imsemmija vettura kienet skadiet fit-28 ta' Frar 2023 u ġiet rinovata fil-11 t'April 2023**".

Illi, ukoll mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2024, quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li xehed l-appellant, iżda t-traskrizzjoni ta' l-istess hija nieqsa mill-atti proċesswali odjerni, bl-ebda waħda mill-partijiet ma jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti għal dan il-fatt, u fl-ebda ħin ma jitlob l-appellant biex jixhed mill-ġdid issa fi stadju ta' reviżjoni, u għalhekk din l-Qorti ma tistax tqis l-istess fl-evalwazzjoni tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellant hija dik ta' sewqan ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCH982 mingħajr id-debita liċenzja maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda). Mill-*affidavit* ta' Stephen Cachia, appena msemmi, jirriżulta li dan il-fatt ġie ppruvat lil hinn minn kull dubbju u għalhekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward kif filfatt għamlet.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni imputazzjoni tirreferi għar-reat dwar vettura bil-mutur fit-triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuża mingħajr liċenzja maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, liema liċenzja ma kenitx imġedda kull sena. Huwa jikkontendi li pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 ma jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma pprovdiex dwar in-natura tal-piena u ċioe' jekk din taqax taħt il-piena tal-multa jew tal-ammenda.

Illi, ir-Regolament 44(7) msemmi filfatt jipprovdi għar-reat odjern u jistipula li l-piena għall-kontravenzjoni li tikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha liċenza valida hija dik ta' "**mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur**". Għandu raġun għalhekk l-appellant meta jgħid li l-liġi tonqos milli tindika jekk f'dan il-każ il-piena erogabbli hijiex dik tal- multa jew ammenda. Dan magħdud, madanakollu r-reat huwa soġġett wkoll ghal piena alternattiva ta' prigunerija ta' mhux iżjed minn tliet xhur, sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti, apparti li setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant kif għamlet, setgħet ukoll timponi fuqu piena alternattiva għal dik tal-inkarċerzzjoni meta applikat fil-konfront tiegħu id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta. Din hija l-linja li qed jieħdu l-qrati tagħna meta rinfaċċjati b'tali imputazzjoni u dan fin-nuqqas illi l-ministru responsabbli jaħseb sabiex idaħħal regolament li jissanna in-nuqqas ravviżat. Għalhekk anke dan l-ilment tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, finalment it-tielet imputazzjoni tikkonċerna s-sewqan mingħajr kopertura b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Jisħaq l-appellant li kien fi zvantaġġ f'dawn il-proċeduri u dana għaliex ma kienx is-sid tal-vettura *de quo* u għalhekk ma setax iressaq il-provi rikjesti minnu in konnessjoni mal-imsemmija polza.

Illi, il-Qorti tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-liġi jikkontempla ir-reat ta' sewqan mingħajr kopertura ta' assigurazzjoni fejn hemm hekk dispost:

> **Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi, però il-leġislatur ma waqafx hemmhekk u fis-sub-artikoli (1A) u (1B) għall-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi jingħad illi:

> **(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi:

> **Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta' assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3 ċertifikat ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li hija teżonera ruħha mir-responsabbiltà kriminali meta allura għandha ġġib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta' l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi turi li hemm fuq saqajh ċertifikat ta' l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza favur tagħha. Illi din il-Qorti tisħaq illi mhux biżżejjed li jkun hemm ċertifikat ta' assigurazzjoni maħruġ fuq kwalunkwe persuna, għaliex l-artikolu 4(4), li jagħmel referenza għalih l-artikolu

3(1A), jinneċċesita illi dan ikun maħruġ favur dik il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u l-kwistjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minn din il-polza tal-assigurazzjoni għandhomx ikunu onorati xorta waħda mis-soċjeta assiguratriċi għalkemm il-vettura ma tkunx misjuqa minn sewwieq awtorizzat skont il-polza tal-assigurazzjoni, hija *res inter alios acta*, li hija kwistjoni purament ta' natura ċivili li ma għandha ikollha ebda piż fil-kamp penali.

Illi, mill-provi prodotti f'dan il-każ, jirrizulta li ma ġiet ippreżentata ebda polza ta' assigurazzjoni sabiex titfa' xi dawl fuq l-kopertura li kien hemm fuq saqajha fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat. Din il-prova ma ssirx mill-Prosekuzzjoni, iżda trid issir mill-persuna mputata, prova li neċessarjament hija f'idejh bħala dik il-persuna li hija mixlija bl-att vjolattiv. Dan għaliex hekk kif ikun hemm ix-xilja taħt il-Kapitolu 104, hemm il-preżunzjoni illi ma kienx hemm polza ta' l-assikurazzjoni, liema preżunzjoni trid tingħeleb mill-persuna mixlija bir-reat. Illi din il-prova ssir bil-produzzjoni ta' ċertifikat ta' l-assigurazzjoni li għandu jkun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbilit fl-artikolu 4(4) ta' l-Att, u fuq kollox illi dan iċ-ċertifikat huwa tali li jkopri kwalunkwe ħsara li talvolta tista' tkun minnu kkaġjonata waqt li hu kien qiegħed isuq il-vettura.

Illi, t-test bl-Ingliż ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, fil-fehma tal-Qorti huwa iktar ċar u inekwivoku meta hemm hekk dispost:

> ***Subject to the provisions of this Ordinance, it shall not be lawful for any person to use or to cause or permit any other person to use a motor vehicle on a road unless there is in force <u>in relation to the user of the vehicle</u> by that person or that other person, as the case may be, such a policy of insurance in respect of third-party risks as complies with the requirements of this Ordinance.* (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**

Illi, id-diċitura adoperata għalhekk tinneċċessita prova dwar l-eżistenza ta' polza ta'l-assigurazzjoni li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza u li tkopri lis-sewwieq li jkun kiser il-liġi u li hi maħruġa favur tiegħu, u dan skont id-disposizzijonijiet tal-artikolu 4(4) ta'l-Att. F'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji l-Qorti ma tarax illi l-appellant jista' jaħrab mir-responsabbilta' penali għal din l-infrazjoni tal-liġi billi tali prova ma teżistix fl-atti u di piu' l-appellant ma jkun eżonerat milli jressaq din il-prova billi l-liġi din l-eżenzjoni ma tikkontemplahiex. Għalhekk, anke dwar dan ir-

reat aħħari, l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija. Jikkonsegwi għalhekk li t-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi respint fl-intier tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti huwa dwar il-piena erogata. L-appellant jisħaq li l-multa ta' €2,400 imposta fuqu flimkien mas-sospensjoni tal-liċenzja għal tnax-il xahar u tmint ijiem, hija waħda severa fiċ-ċirkostanzi. Huwa jilmenta li juża l-vettura tiegħu għax-xogħol ta' kuljum u jekk jiġi skwalifikat milli jagħmel hekk, dan ser ikun ta' detriment għalih u għal familtu.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[4].

Illi, l-*quantum* tal-multa mposta fuq l-appellant hija waħda fil-parametri prospettati mill-liġi u addirittura hija qrib ħafna lejn il-minimu assolut. *In oltre*, is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan hija tassattiva u għalhekk, ġaladarba instabet ħtija fil-konfront tal-appellant, l-Ewwel Qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li tordna tali sospensjoni. Għalhekk din l-Qorti ma tqisx li hemm xejn sindikabbli fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant l-aggravju tal-appellant fir-rigward qed jiġi miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant Mahmoud Aldaher, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0129640(A), u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għandha tibda' tiddekorri minn għada fid-disgħa ta' filgħodu.**

[4] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**Edwina Grima**

**Imħallef**